# Il-Gvern ma jistax jibqa' jagħlaq għajnejh għal dak li qed jiġri

## Wara li evidenza maħruġa mill-CABS turi aktar inċidenti ta' kaċċa illegali, BirdLife Malta ttenni s-sejħa lill-PM biex jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa

Wara l-evidenza ċara b'filmati tal-CABS li għadha kif ħarġet u li turi l-qtil illegali ta' għasafar protetti bħal tajr tal-priża u rsieset ftit jiem biss wara l-qtil ta' żewġ Ċikonji Suwed, BirdLife Malta għal darba oħra ttenni s-sejħa tagħha lill-Gvern biex jieħu azzjoni kemm jista' jkun malajr qabel jinqatlu aktar għasafar.

It-total ta' għasafar maqtula illegalment issa tela' għal ħmistax fuq medda ta' ħamest ijiem. Dan huwa prova ċara li l-multi u l-infurzar mhumiex biżżejjed biex jipproteġu lil dawn l-għasafar.

BirdLife Malta tfakkar lill-Gvern li l-kaċċaturi jsibuha aktar faċli biex joqtlu għasafar protetti matul l-istaġun miftuħ u li jekk jagħlaq l-istaġun, ikun qed jgħin biex il-ħidma ta' infurzar tkun aktar effettiva. BirdLife Malta se tibqa' tinsisti li jingħalaq l-istaġun sal-15 ta' Ottubru sakemm il-passa tal-għasafar tal-priża tonqos sabiex ikun aktar diffiċli li sseħħ kaċċa illegali.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
**L-istqarrija tal-CABS ippubblikata llum:**
http://www.komitee.de/en/actions-and-projects/malta/bird-protection-camps/cabs-film-poachers-killing-honey-buzzards

**Il-filmat maħruġ minn CABS illum:**
https://youtu.be/JvAf_hAfgCs

**Is-sejħa ta' BirdLife Malta lill-Gvern biex jissospendi l-istaġun:**
http://birdlifemalta.org/2016/09/birdlife-malta-calls-prime-minister-suspend-autumn-hunting-season/
http://birdlifemalta.org/2016/09/government-no-moral-value-strength-take-action-safeguard-birds/